# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR.IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat nru. 378/19MH**

Fl-ismijiet:

**AllClean Services Ltd (C39278)**

**Vs**

**Joseph Fenech (KI 529486M) U Lara Marie Fenech Grima (KI 511492M) .**

**Illum, 20 ta' Jannar, 2023**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors Ġuramentat fejn ġie premess li -:

> *Rikors Guramentat ta' All Clean Services Limited (C39278)*
>
> *Jesponu bir-rispett u Johan Farrugia, detentur tal-karta tal,,identita' binnumru 225874M, debitement awtorizzat, ghan-nom u in rappresentanza talimsemmija All Clean Services Limited (C39278), jikkonferma bil•gurament filwaqt li jiddikjara li huwa jaf bis-segwenti fatti personalment:*

1. *Illi s-socjeta' rikorrenti hija kumpannija li toffri servizzi ta' tindif fuq skala kummercjali; effettivament ir-rikorrenti tissuplmi cleaners lil negozji u azjendi kummercjali ohra;*

2. *Illi I-intimat Joseph Fenech kien impjegat mas-socjeta' attrici fil-kariga ta' General Manager; bhala parti mix-xoghol tieghu f'tali kariga, I-istess intimat kien responsabbli ghall-gestjoni tan-negozju tas-socjeta' rikorrenti f' kull aspett tieghu, inkluz izda mhux limitatament billi jissorveija l-andament tan-negozju, it-tqassim tax-xoghol fost il-haddiema tas-socjeta' rikorrenti u I-hlas tal-pagi tal-istess haddiema;*

3. *Illi fil-fatt ricentement sahansitra irrizulta lir-rikorrenti illi I-istess intimat kien jippresenta ruhu ma' terzi bhala Managing Director nonostante l-fatt illi huwa qatt ma okkupa I-posizzjoni ta' direttur ta-socjeta' rikorrenti;*

4. *Illi ricentement ukoll gew a konjizzjoni tas-socjeta' rikorrenti numru ta' irregolaritajiet fil-mod u manjiera kif l-intimat Joseph Fenech kien qieghed jiggestixxi n-negozju tar-rikorrenti;*

5. *IIli fost l-ghadd ta' irregolaritajiet li rrizultaw lir-rikorrenti f' dan 1-istadju, jirrizulta illi l-imsemmi intimat Joseph Fenech ghamel jew ippermetta li jsiru ghadd ta' pagamenti mis-socjeta' rikorrenti li kienu moghtija l-vesti ta' pagi ta' individwi li fil-fatt jirrizulta illi huma individwi fittizji u/jew li qatt ma kienu u/jew li ma kienux ghadhom fl-impjieg tas-socjeta' rikorrenti u li ghalhekk certament ma kienux dovuti mill-istess socjeta' attrici, u dan kif ser jigi pruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza;*

6. *Illi tenut kont tal-kariga tieghu, l-imsemmi intimat Joseph Fenech kellu visibbilita' tal-imsemmija pagamenti u ghalhekk kien jaf jew kellu jkun jaf li l-pagamenti hekk maghmula u li huwa kien qieghed regolarment jawtorizza ma kienux fil-fatt dovuti;*

7. *7. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat naqas milli jgharraf lis-socjeta rikorrenti bl-irregolaritajiet li kienu qieghdin isiru fil-hlas tal-pagi tal-impjegati tal-istess socjeta' u naqas milli jesercita l-obbligi tieghu b'mod onest, trasparenti u in bonafede.*

8. *Illi di piu fil-kors tal-impjieg tieghu, l-intimat Joseph Fenech, approprja ruhhu mill-hlasijiet foloz li kien awtorizza u organizza hu stess u dan kif ammetta huwa stess mad-diretturi tas-socjeta' rikorrenti; addirittura jigi kjarifikat illi tali ammissjoni saret limitatament ghal parti mill-ammont li filfatt gie indebitement approprijat u/jew misruq;*

9. *Illi in oltre bl-agir tieghu fil-kors ta-impjieg tieghu mas-socjeta' rikorrenti, bl-agir disonest tieghu l-intimat ikkawza danni ulterjuri lill-istess socjeta' rikorrenti;*

10. *Illi l-intimati ghandu obbligazzjonijiet fiducjarji fil-konfront tal-kumpannija attrici ghaliex in-natura tal-impjieg tieghu kienet tirrikjedi li hu jhares linteressi tal-kumpannija attrici;*

11. *11, Illi apparti minnhekk jirrizulta li fl-esekuzzjoni tad-dmlrijiet tieghu, 1-intimat agixxa in malafede, b'mod doluz u/jew qarrieqi u kontra 1-ahjar interessi tarrikorrenti jew ghall anqas b' negligenza grossolana;*

12. *Illi l-intimata Lara Marie Fenech Grima hija mart l-intimat Joseph Fenech;*

13. *Illi l-imsemmija intimata kienet ukoll impjegata f'xi zmien mas-socjeta' rikorrenti u kienet ukoll komplici fl-agir abbuziv u illegali ta' zewgha;*

14. *Illi b'rizultat tal-agir tal-intimati, is-socjeta rikorrenti soffriet danni patrimonjaii estensivi;*

15. *Illi minkejja l-fatt illi l-intimati irrifondew parti mill-flejjes indebitement approprijati minnhom, tali rifuzjoni kienet biss parzjali u ghad hemm somom sostanzjali li ghadhom ma gewx irkuprati mis,,socjeta rikorrenti;*

16. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-presenti kawza;*

*Ghaldaqstant jghidu l-intimati in vista tal-fatti premessi f'dan ir-rikors u in vista ta' dawk il-fatti kollha li jistghu jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza, ghaliex m'ghandhiex din l-0norabbIi Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra opportuna:*

1. *Tiddikjara lill-intimati, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti u dan rizultanti mill-agir abbuziv u illegali tal-intimati, jew min minnhom, kif premess fil-qosor f' dan ir-rikors;*

2. *Filwaqt li tiddikjara li I-intimati jew min minnhom kienu marbuta b'obbligazzjonijiet fiducjarji favur is-socjeta rikorrenti ssib li I-istess intimati jew min minnhom agixxew bi ksur tal-istess u dan kif premess fil-qosor f'dan ir-rikors;*

3. *Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jirrintegraw lill-kumpannija rikorrenti b'kull ma ittiehdilha kagun tal-agir abuziv*

*imsemmi f'dan ir-rikors u dan prevja il-likwidazzjoni tal-istess okkorendo bl-ghajnuna ta'esperti nominati ghal dan il-ghan;*

4. *Filwaqt li tiddikjara I-intimati jew min minnhom responsabbli ghad-danni tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu dawk d-danni sofferti mir-rikorrenti bhala rizultat tal-ghemil u nuqqasijiet surreferiti tal-intimati, liema danni jinkludu telf ta' qliegh u damnun emergens kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza u dan prevja il-likwidazzjoni tal-istess okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi ghal dan il-ghan;*

*Bl-ispejjez unkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u kull att iehor kawtelatorju prezentat in konnessjoni ma din il-kawza; bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi kontra l-intimati li huma miss issa ingunti in subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attrici skont il-ligi.*

Konsegwentement is-soċjeta' attriċi talbu li -:

*Ghaldaqstant jghidu l-intimati in vista tal-fatti premessi f'dan ir-rikors u in vista ta' dawk il-fatti kollha li jistghu jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza, ghaliex m'ghandhiex din l-0norabbIi Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra opportuna:*

5. *Tiddikjara lill-intimati, jew min minnhom, responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti u dan rizultanti mill-agir abbuziv u illegali tal-intimati, jew min minnhom, kif premess fil-qosor f' dan ir-rikors;*

6. *Filwaqt li tiddikjara li I-intimati jew min minnhom kienu marbuta b'obbligazzjonijiet fiducjarji favur is-socjeta rikorrenti ssib li I-istess intimati jew min minnhom agixxew bi ksur tal-istess u dan kif premess fil-qosor f'dan ir-rikors;*

7. *Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jirrintegraw lill-kumpannija rikorrenti b'kull ma ittiehdilha kagun tal-agir abuziv imsemmi f'dan ir-rikors u dan prevja il-likwidazzjoni tal-istess okkorendo bl-ghajnuna ta'esperti nominati ghal dan il-ghan;*

8. *Filwaqt li tiddikjara I-intimati jew min minnhom responsabbli ghad-danni tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu dawk d-danni sofferti mir-rikorrenti bhala rizultat tal-ghemil u nuqqasijiet surreferiti tal-intimati, liema danni jinkludu telf ta' qliegh u damnun emergens kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-*

> *kawza u dan prevja il-likwidazzjoni tal-istess okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi ghal dan il-ghan;*
>
> *Bl-ispejjez unkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru u kull att iehor kawtelatorju prezentat in konnessjoni ma din il-kawza; bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi kontra l-intimati li huma miss issa ingunti in subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attrici skont il-ligi.*

Rat li l-konvenuti debitament notifikati baqgħu kontumaċi.

Ikkonsidrat

Illi fl-ewwel lok għandu jiġi kkunsidrat l-istat u l-konsegwenza tal-kontumċja. A priori jiġi ripetut illi l-istitut tal-kontumaċja ma jagħtix lok għal xi *walk over*, anżi nonostante n-nuqqas ta' kontestazzjoni l-attriċi xorta hija obbligata li tiprova l-pretensjoni tagħha sal grad li trid il-liġi.

Jibda biex jingħad illi l-kontumċja huwa disrispett ċar lejn il-Qorti; ingħad hekk fid-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Mejju, 1993 fl-ismijiet ta' **Joseph Vella noe v. John Vella**, "*Huwa bazat fuq il-presuppost li l-konvenut bin-nuqqas tieghu wera contumelia u dispett ghas-sejha tal-Qorti. Meta huwa gie konvenut fl-avviz, citazzjoni, rikors, libell jew petizzjoni u hija din id-dizubbidjenza animata psikologikament b'dawk il-fatturi ta' contumelia u dispett li l-ligi trid tirreprimi u timponixxi. In kwantu contumelia bhal dik hi element ta' disordni socjali. Dan gie ricentement ribadit minn din il-Qorti (Sede Civili) fis-sentenza taghha tal-14 ta' Jannar, 1993 fl-ismijiet Pauline Grech noe vs. Nazzareno Zammit.*" (ara wkoll *in re* **Dr. Giannella Caruana Curran v. Stephen Chetcuti et**, Appell Inferjuri, 20 ta' April, 2005).

Fir-rigward ingħad ukoll li "*L-istitut tal-kontumacja hu ntiz bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa"* **Vivian Charmaine Mizzi –vs- Carmel Mizzi", Appell, 13 ta' Lulju 2001**

Il-konsegwenza tal-kontumaċja hu lil konvenut ma jistax jipresenta ebda nota ta' eċċezzjonijiet, ċioe' llum risposta ġuramentata. Kif ingħad xorta l-attur jrid jasal għal livell tal-prova meħtieg biex jsaħħaħ l-azzjoni u t-talbiet tiegħu.

Pero kif ingħad il-kontumaċja ma twassalx għas-suċċess awtomatiku tat-talbiet attriċi, iInfatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech deciz fit-**22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per **Onor. Imhallef Philip Sciberras:**
***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe**., Appell, **27 ta' Marzu, 1996** inghad:
*"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:*
*"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.*

*Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;"*

Ikkunsidrat dana kollu l-Qorti tqies nġabu s-segwenti provi mis-soċjeta' attriċi;-

Affidavit ta' Joseph Schembri Dok. AC1, dak ta' Mark Schembri Dok. AC2 u Dok. AC3 ta' Jennifer Caruana.[1]

Eżaminati dawn l-ewwel tlett affidavits insibu li da parti ta' Joseph Schembri li kien jaħadem ma Schembri group, li per parentesi għandu fi ħdanu ukoll is-soċjeta' attriċi, kkonferma li kien mar il-garaxx ta'l-konvenut Fenech ma ċertu Rodianne Brincat u minn hemm ħargu affarijiet appartenenti lis-soċjeta' attriċi.

[1] Folio 16 sa 20

Senjatament igħid ukoll illi xi gimgħa wara dan il-fatt kien mar ma Rodianne Brincat biex jiltaqgħu ma Fenech biex dan jagħti *cheque* lir-Rodianne. Jgħid li sema' lil Fenech jibki u smajtu jgħidilha biex taħfirlu u li ried jitlob skuża lil Johann Farrugia u lil Frank Schembri għax kien jaf li żbalja bi kbir.

Da parti tiegħu Mark Schembri kkonferma li hu kien iltaqa' mal-konvenut li kien ikkonfermalu li kien disappuntat bl-aġir tiegħu nnifsu ukoll bil-fatt li Johann Fenech kien proċeda b'dawn il-proċeduri mentri hu Fenech kien ħaseb lil kwistjoni setgħet tiġi risolta barra mill-Qorti. Jgħid li Fenech ammetta miegħu li kien ħa bejn siitin u ħamsa u sittin elf ewro mill-kumpanija AllClean u li ma kienx qed jaqbel maċ-ċifra ta' tmenin elf[2]. Qallu ukoll li kellu jgħid lil Johann Farrugia li kien iddispjaċih ta' dak li kien għamel. Igħid l-istess xhud li hu wassal dan il-messag lil Farrugia.

Da parti tagħha Jennifer Caruana li taħdem ukoll mal-kumpanija C&F Building Contractors Limited li tagħmel ukoll parti minn Schembri Group, kienet fuq talba ta' impjegat li kien jaħdem ma AllClean u li ma kienx irċeva l-paga, għaddiet biex taħdem l-istess u kien hawn li kient intebħet *"...illi kien hemm differenza bejn il-paga li kienet qegħda tingħata lill-ħaddiem, kif fil-fatt riflessa fil-payslip, u l-flus li kieneu qegħdin jinħargu mill-kumpanija fir-rigward ta' dik il-paga. Fil-fatt il-flus li kieneu qed jinħargu għal ċerti pagi, kien ferm ogħla minn dak li jingħata lill ħaddiema"*[3].

Ġew presentati ukoll żewġ affidavits oħra dawk ta' Rodianne Brincat[4] u ta' Johann Farrugia[5]

Da parti tagħha Brincat tispjega li hi kienet tokkupa l-posizzjoni ta' *Head of Finance &Administration* fi ħdan il-group Schembri Group.

Tgħid li kienu nstabu diskrepanzi fil-*payrolls* ta' ċertu ħaddiema tal-Group. Tgħid li bdiet tagħmel eżerċizzju biex tivverifika l-payslips u l-pagi relattivi li kienu jidhru fuq is-*servers* tal-kumpanija. Tgħid li tul din il-verifika Joseph Fenech il-konvenut beda juri interess f'dak li kien għaddej tant li kien qed immur l-uffiċju tagħha biex jitkixxef x'kien qed jiġri. Esebit anke text messag xejn ċar fir-rigward.

Qalet li kienet ikkonfrontat lil ċertu Andre' Joe Cutajar kien ammetta magħha lli kien seraq flejjes mill-kumpanija. Tgħid li peress li dan Andre' kien anke *payroll clerk* mall-kumpanija u kien jieħu ħsieb il-pagi tal-kumpanija All Clean Services

[2] Folio 18
[3] Folio 19 Dok AC3
[4] Folio 784
[5] Folio 804

Limited, għaddiet għal aktar investigazzjonijiet fi-rigward u beda jirriżultalha ċertu tbagħbis.

Spjegat għalhekk lit-*timesheets* tas-servizzi offruti mill-ħaddiema ta' AllClean Services kienu juru siegħat inqas ta' xogħol maħdum u dak li fil-fatt ġie mħallas. Ukoll li kienet qed titħallas paga lil ismijiet fittizji.

Qalet li sa hawn kient għada qed tissusspetta lit-taħwid fis-soċjeta' All Clean kien dovut lil imsemmi Andre', pero li dan magħha innega l-użu ta' ismijiet fittizji.

Kien dan Andre' li kien indikalha l-involviment ta' Joseph Fenech u Jessica Attard Formosa fir-rigward. Qalha li kienu dawn li kienu jagħtuh it-*timesheet* tal-ħaddiema, bis-siegħat ta' kull ħaddiem.

Tgħid per eżempju li fir-rigward tar-Riviera Hotel, irriżultalha lis-soċjeta' AllClean kienet qed tagħtiha erba' ħaddiema b'xejn, allura għalkemm AllClean kienet tħallas il-pagi tagħhom, ir-Riviera ma kienetx tħallas lil atriċi d-dovut minnha fir-rigward. Arrangament dan li kien estraneju għad-direttturi tal-kumpanija.

Irriżultalha ukoll fir-rigward tat-*timesheet* ta' dawn l-erbgħa min nies li din kienet għamlitha Jessica Attard Formosa u dan skont din ta' l-aħħar fuq struzzjonijiet ta' mogħtija lilha minn Joseph Fenech. Magħha dina Jessica ammetiet ukoll li Fenech kien jibgħatielha emails biex tinkludi ħinijiet ta' nies li ma kienux jidhru fuq it-*timesheet* għas-servizzi ta' tindif offrut lil Esplora. Tgħid li kien fuq dawn it-*timesheets* li kienu allura jagħmlu Jessica u Fenech kienu joħorgu l-flejjes, il-pagi. Fuq l-aħħar sit imsemmi, (Esplora) kien suppost ikun hemm sitta minn nies kuljum mentri kienu qegħdin joħorgu pagi għal tmienja jew disa' kuljum. Jessica kienet anke urietha *email,* bl-istruzzjonijiet ta' l-ismijiet li kelli tinkludi fit-*time sheet,* mibgħuta lilha minn Fenech. Din hi esebita f'dawn l-atti bħala dok. I.[6]

Tixhed fuq diskrepanzi ta' ħaddiem li suppost ħaddem 47.5 siegħat pero ġie mniżżel li ħadem 147.5 siegħat. Fenech spjega dan li bi żball ġie inkluż in-numru '1'.

Wara ħafna investigazzjonijiet tgħid li kienet irċeviet telefonata mingħad Johann Farrugia li Fenech kien ammetta miegħu li kien fil-fatt seraq. Ukoll li kien għaddielu cheque għal ammont ta' ħamsa u għoxrin elf ewro. Qalet li Fenech anke bejka u talabhom li ma jgħidu xejn bli kien okkorra lil Frankie Schembri.

[6] Folio 799

Johann Farrugia ukoll jitkellem dwar il-konoxxenza tiegħu ta' dan it-tbagħbis fil-pagi. Jikkonferma li ċertu flejjes miġbura minn Fenech għal servizzi mogħtija minn All Clean ma wasslu qatt fi ħdan il-kumpanija.

Jgħid li kellu laqgħa ma Fenech li ammetta miegħu is-serq tal-flejjes ukoll li ried jirrifondi l-istess. Għal dan il-għan kien tahom is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf ewro bħala bilanċ ta' dak li kellu jiġi rifuż.

Senjatament ġie ukoll esebit rapport ta' l-*accountant* Yvonne Schembri, debitament maħluf[7]. Għandu jingħad li dan huwa rapport **iddettaljat** ta' dawk id-diskrepanzi kollha misjuba fil-ħlas ta' pagi. Rapport li jwassal għas-somma globali ta' €91,947.40. L-istess rapport jgħati dettalji tal-pagi li nħargu fuq n-nies impjegati, siegħat kif suppost maħduma u li fill-fatt ma ġewx hekk maħduma jew nies imħallsa darbtejn u pagi maħruga fuq nies fittiżji. Dawn il-ħaddiema kienu jew suppost kollha kienu impjegati tal-kumpanija AllClean. Bil-ġurament tagħha tgħid li dan l-*accounting excercise* sar minnha maggorment fuq informazzjoni li kien jiprovdi Joseph Fenech lis-soċjeta'.

Ikkunsidrat.

Illi ma tistax din il-Qorti ma turix it-tħassib tagħha għal fatt lil-konvenuti rinfaċċati b'talbiet ta' rifużjoni u danni daqstant konsiderevoli, għala ma ressqux quddiema bid-difiza tagħhom, jew almenu urew interess f'dawn il-proċeduri. Tant li għalkemm kienu debitament rappresentati minn avukat difensur lanqas ressqu xi sottomissjoni fir-rigward tat-talbiet.

Huwa sew miżmum illi hawn l-attriċi trid twassal lil Qorti sa konvinzzjoni tal-probabbli fuq dak li tkun qed tallega. Huwa ukoll pruvat illi l-konvenut Mifsud ġia għadda biex jirrifondi s-somma ta' €25,000 u minn dak li qalilna Mark Schembri, u mhux kontradett, għalkemm ma jaqbilx li għandu jirrifondi is-somma ta' tmenin elf ewro, jidher li hu aċċettanti sal ammont ta' ħamsa u sittin elf ewro.

Kien jkun aktar għaqli għal konvenuti Fenech jekk kellhom talli kontestazzjoni valida kieku ressqu quddiema u avvanzaw għal eżami tagħha l-istess fatti debitament pruvati.

[7] Folio 26 et. seq.

Dan ma sarx. Il-Qorti hija biss rinfaċċata br'rapport dettaljat tal-flejjes li naqsu u kif.

Konsegwentement il-Qorti tgħaddi biex taqta u tiddeċidi billi tilqa l-ewwel tlett talbiet b'dan li qed tikkundanna lil konvenuti għar-rifużjoni tas-somma fl-ammont ta' sitta u sittin elf, disa' mija sebgħa u erbghin ewro u erbgħin ċenteżmu,(€ 66,947.40) bilanċ llum dovut mis-somma globali ta'€91,947.40 stante l-pagament ta' ħamsa u għoxrin elf ewro kif riferut.

Fir-rigward tat-talbiet marbuta mad-danni, dawn qegħdin jiġu miċħuda n kwantu ebda prova ta' dan ma ġiet imressqa lilha.

**Bl-ispejjeż a karigu tal-konvenuti u bl-imgħaxijiet legali sal-pagament effettiv.**

**Onor.Miriam Hayman**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep Reg**